

Brussell, 19 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

14110/21

DEVGEN 207  
ACP 117  
RELEX 993  
SUSTDEV 160

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|                  |                                                                                                                               |
|------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                              |
| fi:              | 19 ta' Novembru 2021                                                                                                          |
| lil:             | Delegazzjonijiet                                                                                                              |
| Nru. dok. preċ.: | 13445/21                                                                                                                      |
| Suġġett:         | Għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew fl-azzjoni esterna tal-UE<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2021) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew fl-azzjoni esterna tal-UE, kif adottati mill-Kunsill fit-3828 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar  
Għarfien Espert tas-Settur Pubbliku Ewropew  
fl-Azzjoni Esterna tal-UE**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

1. IFAKKAR li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI - Ewropa Globali), għall-2021-2027, jipprevedi li l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha tista' tiegħu l-forma ta' miżuri ta' kooperazzjoni amministrattiva u teknika, kif ukoll ta' bini tal-kapaċità. Dan jinkludi azzjonijiet għall-qsim ta' esperjenzi ta' implimentazzjoni tranżizzjonali jew ta' riforma tal-Istati Membri, bħal pereżempju kooperazzjoni deċentralizzata permezz ta' sħubijiet jew ġemellaġġi, bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż awtoritajiet lokali, korpi tad-dritt pubbliku jew entitajiet tad-dritt privat fdati b'kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż jew reġjun sieħeb. Jinkludi wkoll miżuri ta' kooperazzjoni li jinvolvu esperti tas-settur pubbliku mibgħuta mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom.
2. JIRRIKONOXXI l-għarfien espert tas-settur pubbliku bħala forma ta' kooperazzjoni teknika internazzjonali li timmobilizza l-għarfien espert mill-istituzzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri kollha tal-UE għall-promozzjoni ta' politiki ta' riforma u ta' żvilupp sostenibbli u inklużiv permezz ta' skambju ta' għarfien bejn il-pari u sħubijiet istituzzjonali ma' pajjiżi sħab bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, speċjalment SDG 16 u SDG 17, kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi.
3. JENFASIZZA li l-forniment ta' għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew huwa qasam fejn l-UE għandha valur miżjud partikolari, b'għerq f'mudelli sodi ta' politika pubblika Ewropea. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-inklużività sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri kollha interessati jkunu involuti fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-interventi ta' għarfien espert tas-settur pubbliku fl-azzjoni esterna tal-UE.

4. JENFASIZZA li l-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew johlq fiduċja reċiproka bejn l-istituzzjonijiet, jgħin fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej, inkluż il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, u l-interessi kif ukoll l-istandards Ewropej u l-linji politiċi meħtieġa għat-tisħiħ tas-sħubijiet strateġiċi. Huwa adatt tajjeb għall-approċċ u l-inizjattivi ta' Tim Ewropa. Irriżulta li l-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew hija mod immexxi mid-domanda, imfassal apposta, flessibbli, effiċjenti u kosteffettiv biex tinbena l-kapaċità fis-settur pubbliku u jiġu promossi proċessi ta' riforma fil-politika pubblika f'pajjiżi sħab, ibbażat fuq il-ħtiġijiet, il-prijoritajiet, u s-sjieda inklużiva tagħhom.
5. JIEĦU NOTA tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-Kummissjoni Ewropea u n-Network tal-Prattikanti dwar il-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp internazzjonali, li jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex iżidu l-assistenza teknika regolari tagħhom permezz, fost oħrajn, tal-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew.
6. JINNOTA li l-għodod għall-bini tal-istituzzjonijiet, bħall-Ġemellaġġi u t-TAIEX, huma strumenti importanti ħafna biex jingħata appoġġ immirat lill-amministrazzjonijiet pubbliċi f'pajjiżi sħab. L-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew huwa komponent importanti tal-assistenza teknika. Għandu jkun reattiv għall-kuntest u mfassal b'appoġġ għall-attivitajiet tal-UE u tal-Istati Membri fil-pajjiżi sħab, u jiżgura approċċ koerenti u koordinat għal sfidi speċifiċi tal-iżvilupp. Jista' jiġi kkombinat ma' modalitajiet oħra ta' implimentazzjoni, pereżempju ma' kooperazzjoni trijangolari u trilaterali, programmi ta' appoġġ baġitarju, biex jgħin fit-titjib tal-klima tal-investiment u biex japplika l-prinċipju tal-politika l-ewwel billi jrawwem djalogi strateġiċi li jiggwidaw il-kooperazzjoni finanzjarja u l-investiment lejn ir-riżultati tal-iżvilupp.
7. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri jgħlbu r-restrizzjonijiet u l-isfidi operazzjonali, amministrattivi u finanzjarji għall-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Istati Membri biex jinċentivaw fil-livell istituzzjonali l-involvement tal-esperti pubbliċi tagħhom f'inkarigi f'pajjiżi sħab u jneħħu d-dizincitivi f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex tiġi pprovduta ħarsa ġenerali lejn il-prattiki li jindirizzaw dawn l-isfidi fil-mobilizzazzjoni ta' esperti għal inkarigi ta' għarfien espert tas-settur pubbliku fuq medda ta' żmien qasira u twila. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta dwar triq 'il quddiem possibbli biex jingħelbu dawn l-isfidi.

8. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-koordinazzjoni, is-sinerġiji u t-tagħlim bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, kemm fil-livell politiku kif ukoll tal-esperti, biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza strateġika tal-għarfien espert tas-settur pubbliku bħala forma ta' implimentazzjoni konġunta, u biex tiffaċilita t-tagħlim minn programmi ta' għarfien espert tas-settur pubbliku appoġġati mill-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-involvement minn kmieni tal-Istati Membri fil-proċessi ta' programmazzjoni biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fl-għoti ta' għarfien espert tas-settur pubbliku. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu t-tagħlim konġunt u l-qsim ta' Prattiki tajba ma' pajjiżi sħab biex isir aktar progress fl-għarfien espert tas-settur pubbliku.
9. JENFASIZZA l-importanza ta' networks eżistenti bħall-Ġemellaġġi u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tat-TAIEX, filwaqt li jirrikonoxxi l-kollaborazzjoni fi ħdan in-Network tal-Prattikanti, bħala fora għal aktar sinerġiji u diskussjonijiet inklużivi u skambju ta' tagħlim dwar l-għarfien espert tas-settur pubbliku. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jippromwovu u jiskambjaw Prattiki tajba dwar kif l-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew jista' jiġi mobilizzat b'appoġġ għad-djalogu ta' politika u l-implimentazzjoni tal-Inizjattivi ta' Tim Ewropa.
10. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tiffaċilita diskussjonijiet u konsultazzjonijiet dwar kif jista' jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-għarfien espert tas-settur pubbliku Ewropew f'approċċ ta' Tim Ewropa u approċċ ta' gvern sħiħ, waqt li tqis l-oqsma speċifiċi tal-għarfien espert tal-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll l-esperjenza minn skambji interni ta' għarfien tas-settur pubbliku fi ħdan l-UE, u biex tipprovdi lill-Istati Membri gwida sempliċi u faċli biex tintuża kif xieraq.
-